# Tnedija tat-Tipa Maltija

(Konferenza ta' l-aħbarijiet fil-15 ta' Ġunju 2001
il-Biblijoteka Nazzjonali l-Belt, fis-1.00 p.m.)

**kelmtejn mill-President ta' l-Akkademja tal-Malti kif imqabbad**
**mill-Ministru tal-Ġustizzja Gvern Lokali**

***Dr Charles Briffa***

Kien tmenin sena ilu, fl-1921, meta l-Akkademja tal-Malti, (dik il-ħabta magħrufa bħala l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti) bis-saħħa ta' Ninu Cremona u l-kummissjoni tiegħu, tat lin-nazzjon sistema ta' alfabett maħdum apposta għal ilsienna. L-Akkademja li għamlet kien li kompliet fuq l-isforzi tas-Soċjetà Filoloġika Maltija u tax-Xirka Xemija tas-seklu XIX u fasslet alfabett li seta' jaqdi bis-sħiħ il-ħsejjes Maltin kollha. Fl-1934 il-Gvern għaraf dan l-alfabett uffiċjalment u beda jużah (kif għadu) fil-pubblikazzjonijiet dipartimentali tiegħu kollha. Minn hemmhekk imbagħad beda jintuża kullimkien.

Bit-tfassil ta' sistema ta' alfabett, l-Akkademja kkondizzjonat l-iżvilupp tal-kitba tul is-seklu XX. L-alfabett Malti, fil-ġrajja ta' pajjiżna, kien pass essenzjali lejn l-istandardizzazzjoni. It-tipa Maltija fil-kompjuter hija kisba oħra għall-Malti: hija l-għodda aġġornata ta' kull kittieb. L-Akkademja tal-Malti tilqa' t-tipa Maltija bil-ferħ għax bl-użu tal-kompjuter (li d-dinja tal-lum ma tistax twarrab) seta' ntilef l-alfabett Malti, dak l-alfabett li sewa wisq għaraq għal missirijietna.

L-iskuża li wieħed ma jkollux it-tipa Maltija issa trid tinqata' għal kollox. Min jikteb bil-Malti mingħajr id-dijakritiċi xierqa ma jkunx qiegħed juża l-alfabett Malti u jkun qed jibgħatna lura mill-anqas tmenin sena għaż-żmien meta ma kellniex is-sistema tagħna. It-tnedija tat-tipa Maltija fil-kompjuter, f'għeluq it-tmenin sena mit-twelid ta' l-alfabett Malti, hija parti mill-mixja wtieqa għal aktar standardizzazzjoni u huwa għalhekk li llum qegħdin nifirħu b'din l-attività u nirringrazzjaw lil kull min ħadem fuq is-suċċess ta' din l-idea biex it-tastiera tkun Maltija. Dan hu l-bidu. B'aktar ħidma naslu żgur biex ikollna wkoll id-dizzjunarju elettroniku Malti li jaqdina fl-insiġ ta' ħsibijietna fis-seklu XXI.

Nawgura lill-kittieba kollha tal-Malti aktar ħidma tajba bil-kompjuter (diġà qed nisimgħu b'poeżiji u rumanzi elettroniċi) u nawgura wkoll aktar riċerka ħalli fi lsienna jkollna (f'dak li għandu x'jaqsam ma' kitba elettronika) dak kollu li għandhom pajjiżi oħra.



# Politika dwar il-Lingwa Maltija u l-Letteratura Tagħha

(Għadd ta' proposti mressqin mill-Akkademja tal-Malti lill-Ministeru ta' l-
Edukazzjoni u Kultura f'April 2000 u li wara, jiġifieri fl-2001, għaddew
formalment lill-Bord tal-Malti)

**Politika Kulturali għal Malta**

Bil-għan li tistagħna l-kultura Maltija għandu, b'mod immedjat, jitwaqqaf
Kunsill ta' l-Arti għal Malta (KAM) li jkollu rappreżentanti ġejjin minn
istituzzjonijiet inkarigati minn dawn li ġejjin:

- lingwa u letteratura
- teatru
- mużika
- arti (pittura, skultura, inċiżjoni)
- attivitajiet folkloristiċi
- snajja'
- iffilmjar
- fotografija
- il-mezzi tax-xandir (televixin, radju, stampa)
- forom oħra ta' arti

L-Akkademja tal-Malti bi dritt tagħmel parti mill-KAM f'kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-Lingwa Maltija u l-Letteratura tagħha.

**L-Akkademja tal-Malti**

Mindu twaqqfet fl-1920, l-Akkademja tal-Malti ħabirket bi sħiħ favur l-Ilsien
Nazzjonali u l-Letteratura Maltija l-aktar permezz tar-rivista tagħha *Il-Malti* u
permezz ta' attivitajiet letterarji oħra. L-Akkademja tal-Malti temmen li s-siwi
intrinsiku tal-letteratura jinsab fil-fatt li biha l-ħajja umana tistagħna u r-ruħ
tintrefa' aktar 'il fuq. Temmen allura li kulħadd għandu d-dritt li jfittex, joħloq,
jiddefinixxi, jikkomunika, u jmexxi attivitajiet letterarji kif jogħġob lilu.

Il-letteratura qiegħda kulma tmur ssir parti integrali mill-kultura Maltija.
Attivitajiet kulturali jinkludu:

- serati letterarji biex jikkomemoraw xi avveniment jew xi persunaġġ
- tnedijiet ta' kotba
- laqgħat letterarji għall-qari ta' xogħlijiet letterarji